# Santa Katerina u l-Agostinjani

Santa Katerina Verġni u Martri, ta' Lixandra, hi maħsuba li hi l-patruna ta' diversi oqsma fil-ħajja minħabba li ngħatat il-martirju skond it-tradizzjoni fl'eta ta' tmintax il-sena. Hija meqjusa protettriċi tat-tfajliet in ġenerali b'mod speċjail ta' dawk li kienu ser jiehdu l'istat taż-żwieġ.. Fi Franza, nhar il-25 ta' Novembru, festa ta' Santa Katerina, ix-xebbiet li kien ikollhom 25 sena, dak in-nhar kien jagħmlu speċi "Fashion Parade" mat-toroq ewlenin ta' Pariġi biex jippruvaw isibu xi sieħeb. Dawn ix-xebbiet f'din l'eta kienu jissejjħu "Katerini".

### *Il-Patroċinju*

Santa Katerina kellha d-don ta' l-għerf. Skond l-istorja ta' din il-Qaddisa ddisputat mal-filosofi ta' Lixandra. Bl-għerf mgħoti minn Alla, għax hu wieħed mill-attributi tiegħu, hija rnexxiela xxejjen is-soffiżmi tal-filosofi qarrieqa ta' żmienha li ppruvaw bi kwalunkwe mod iwaqqawha. Għalhekk hija kisbet it-titlu jew aħjar patroċinju ta' l-universitajiet ta' Pariġi u ta' Venezja. Fil-bidu tas-seklu XIV. Santa Katerina ġiet maħtura patruna tal-Kulleġġi ta' Venezja.

Fl-Ingilterra, ir-Re Alfred il-kbir, mixgħul mid-devozzjoni lejha fis-sena 888, waqqaf l-abbazija Benedittina f'Salisbury u fiha ddedika kappella lil Santa Katerina ta' Lixandra.

Il-Qaddisa patruna ta' Franza Sainte Jeanne d'Arc sabet l-għajnuna li kellha bżonn biex issalva lil pajjizha minn Santa Katerina.

### *Santa Katerina fl'Ordni Agostinjan*

Ħafna kienu l-ordnijiet reliġjużi u kavallereski li għażlu lil Santa Katerina bi protettriċi ta' l-istudju tagħhom. Fost dawn insibu lil Benedittini, lid-Dumnikani u oħrajn. Kienu wkoll l-Agostinjani li sa minn żminijiet bikrin ħarsu lejn Santa Katerina bħal ma qal il-Profeta David f'wieħed mis-salmi : inħares lejn il-muntanja mnejn tiġini l-għajnuna. L-Ordni Agostinjan ħares lejn Santa Katerina għall-għajnuna sa mill-qedem. Huwa għaraf fiha għajn li seta jixrob minnha, muntanja li meta jgħolli għajnejh lejhaseta jsib l-

Toni Grixti
Managing Director

TONI'S
TONI'S
wines & spirits

Triq il-Qaliet,
M'Scala ZBR 10 Malta

Tel.Fax +356 2163 2652
Mob. +356 9942 3868
Email. hawker@maltanet.net

għajnuna. Għalhekk fil-Kostituzzjonijiet ta' l-Ordni mfassla mal-medda taż-żmien, il-Kapitulari, ħarsu dejjem lejn Santa Katerina li minnha setgħu jsibu l-għajnuna. Għalhekk, ħatru lil Santa Katerina Patruna Universali ta' l-istudju tagħhom.

Fil-Belt kapitali tal-Bohemia (illum Repubblika Ċeka), Praga, ir-Re Karlu IV.. fis-sena 1332, biex ifakkar ir-rebħa tal-battalja ta' San Feliċ fl-Italja, waqqaf il-kunvent tas-sorijiet Agostinjani taħt il-patroċinju ta' Santa Katerina.

Aktar tard, fis-sena 1565. dan il-kunvent ġie mibdul f'Monasteru għall-patrijiet Agostinjani, dejjem taħt il-patroċinju ta' Santa katerina. Il-Knisja ta' dan il-Monasteru hija ta' stil gotiku b'kampnar b'forma ottagonali, jiġifieri bi tmien naħat, faċċati. Minn ġewwa fi żmien il-barokk saret il-pittura minn N.V.Reiner. Din il-pittura turi episodji mill-ħajja ta' din il-Qaddisa. Id-dekorazzjoni, stucco, hija xogħol ta' B.Spinetti. Fuq il-portiku ta' l-istess knisja hemm statwa ta' Santa Katerina.

F'Locarno, l-Isvizzera, fil-katone tat-Ticino, fid-djoċesi ta' Lugano, fis-sena 1628, ġie imwaqqaf il-monasteru tas-sorijiet Agostinjani taħt it-titlu ta' Santa katerina V.M.

Fi Siena, l-Italja, is-Sorijiet ta' Klawsura Agostinjani fit-28 ta' Diċembru 1343, waqqfu l-Monasteru tagħhom f'ġieħ



FOGG
INSURANCE AGENCY

WE ARE OPEN WHEN OTHERS ARE CLOSED

*All classes Transacted.*
* MOTOR
* HOUSEHOLD
* COMMERCIAL PREMISES
* MARINE CRAFTS
* TRANSFERS / GARAGING
* SCRAPPING

Authorized Insurance Salesman
Manuel P. Cumbo
27, Triq San Piju X,
Zejtun. (Near Junior Lyceum)
(We pay you Licence.)

Tel / Fax: 21694609

Santa Katerina bl-isem ta' "Santa Caterina della Ruota", Santa Katerina tar-rota.

F'Urbino, fil-provinċja ta' Pesaro, fis-sena 1346 ġie mwaqqaf il-monasteru tas-sorijiet Agostinjani taħt it-titlu ta' Santa Katerina ta' Lixandra.. Fi żmien l-okkupazzjoni ta' Napuljun sar Kulleġġ għat-tfajliet u wara reġa ġie mill-ġdid f'idejn is-Sorijiet Agostinjani.

### *L-Agostinjani f'Malta*

F'Malta l-Agostinjani kemm irġiel u sew nisa ma naqsux li jħarsu lejn Santa Katerina bħala protettriċi tagħhom.

Fil-Belt Valletta nsibu l-famuż Monasteru tas-Sorijiet Agostinjani taħt il-patroċinju ta' din il-Qaddisa. Dan il-Monasteru għall-ewwel ġie mwaqqaf fis-sena 1580 minn għaqda tal-ħniena biex tħares lit-tfajliet.. Fis-sena 1606, il-Markiżi Vasco - Olivier, Giovanni u martu Katerina taw il-palazz tagħhom biex jinbidel f'Monasteru taħt it-titlu ta' Santa Katerina. Hekk fl-istorja nsibuh bl-espressjoni ta' "Santa Catarina di Vasco". Dan il-monasteru ġie ippjantat minn Romano Carapecchia. Jekk insibu lis-Sorijiet Agostinjani li poġġew it-tama tagħhom f'Santa katerina, xejn anqas il-Patrijiet Agostinjani Maltin ma ħassew il-ħtieġa tal-protezzjoni ta' Santa Katerina. Fir-Rabat Malta, qabel is-sena 1440 l-Agostinjani diġa kienu jqimu lil Santa Katerina fil-knisja tagħhom. Xhieda ta' dan huwa it-testment ta' ċertu Pino Bartolo li ħalla ħanut lil Kappella ta' Santu Wistin fir-Rabat "Pino Bartolo nel 1440 lascio' una bottega ne rabato alla cappella di Santa Caterina nel convento di Sant Agostino".

L-Ordni Agostinjan ħatar lil Santa Katerina Patruna ta' l-istudji. Il-Provinċja Agostinjana Maltija dejjem ħarset bir-reqqa lejn dan il-patroċinju. Il-jum tal-25 ta' Novembru, festa ta' Santa Katerina fil-kunvent ta' l-Agostinjani tar-Rabat, kien dejjem imħares sewwa. Hawnhekk il-festa ta' Santa Katerina kienet tiġi ċċelebrata b'solennita' kbira.. Kwadru taż-żejt li juri ż-żwieġ mistiku tal-Qaddisa kien jiddomina l-altar il-maġġur. Għal din l-okkażżjoni kien jintrama d-damask u l-altar il-maġġur bl-aħjar ilbies tiegħu. Minn qed jikteb jiftakar li f'dak il-jum kien jitqiegħed kanopew qisu roża u li kien irrakkmat bil-fidda. Kienu jgħidu li dan qabel kein mant ta' Reġina. Il-funzjonijiet, kemm ta' l-Għasar sew tal-quddiesa solenni kienu jitmexxew mir-Reġġent (Rettur) ta' l-istudji. Huwa kien jgħażel l-assistenti u l-Kappisti għal waqt l-għasar u l-quddiesa kif ukoll servizz ieħor ta' l-altar. Il-paniġirku ta' din il-Festa kien isir bit-taljan u għalih kienu jattendu ħafna nies. Wara nofs inhar kienet issir disputa tradizzjonali li għaliha kien jattendi l-kleru bi ħġaru speċjalment il-kapitlu tal-Kattidral. Dan l-aħħar kienet issir Akkademja Musico - Letterarja li fiha kienet issir l-premjazzjoni ta' l-istudenti tal-Collegio Teologico - Filosofico San Marco. Ġeneralment kien jippresiedi l-Provinċjal. F'din l-akkademja kienu jsiru diskorsi xjentifiċi. Anki għal din l-Akkademja kienu jiġu l-aħjar nies tal-Gżira u ordnijiet reliġjużi. Lejliet din il-festa kienet drawwa li l-istudenti Agostinjani jmorru fil-Kamra tar-Reġġent biex jgħatuh l-awguri tal-festa.

***Patri Mark Cauchi O.S.A***
***13 ta' Marzu 2003***

RYMA AUTO PARTS
(Maurice)
NEW & SECOND HAND PARTS
(Free Delivery to Panel Beaters)
Suppliers of Peugeot Original Parts
Opening Hours: 9:00am to 7:00pm
Tel: 21802929 Mob: 99470202 Fax: 21673485
Dalli Ind. Est. Tarxien Rd Gudja